MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 798/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Dominic Azzopardi (K.I. 443176M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' erba' mija u sitt ewro u disgha u sebghin ewro centezmi (€406.79) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 9926 7155.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru pprezentat konteswalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2010 deher Dominic Azzopardi quddiem it-Tribunal fejn ammetta t-talba izda xtaq illi l-pagament dovut minnu jithallas ratealment.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------